— tikkundanna lill-Kunsill iħallas is-somma ta’ EUR 15 000 fil-ġimgħa b’effett mit-18 ta’ Frar 2020 lir-rikorrent bħala kumpens għad-dannu immaterjali sostnut minħabba l-adozzjoni tal-miżuri kontenzjużi;

— tikkundanna lill-Kunsill jirrimedja kull dannu futur li r-rikorrent ser isostni minħabba l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet kontenzjużi;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent matul il-proċedura ta’ adozzjoni tal-atti kontenzjużi. Dan il-motiv huwa maqsum f’żewġ partijiet:

   — L-ewwel parti, ibbażata fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent, jiġifieri d-dritt għal smigħ u l-prinċipju ta’ kontradittorju.

   — It-tieni parti, ibbażata fuq ksur tad-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq żball manifest ta’ evalwazzjoni fl-adozzjoni tal-atti kontenzjużi. Dan il-motiv huwa maqsum f’żewġ partijiet:

   — L-ewwel parti, ibbażata fuq l-insuffiċjenza ta’ provi li jiġġustifikaw l-inklużjoni tar-rikorrent fil-lista ta’ persuni previsti għal miżuri restrittivi.

   — It-tieni parti, ibbażata fuq żnaturament tal-fatti.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq ksur illegali u sproporzjonat tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent minħabba l-kontenut tal-atti kontenzjużi. Dan il-motiv huwa maqsum f’żewġ partijiet:

   — L-ewwel parti, ibbażata fuq ksur tad-dritt għal proprjetà.

   — It-tieni parti, ibbażata fuq ksur tad-dritt għall-ħajja privata u tal-familja.

---

**Rikors ippreżentat fid-19 ta’ April 2020 – Zoom vs EUIPO – Facetec (ZOOM)**

**(Kawża T-204/20)**

(2020/C 201/59)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Zoom KK (Tokjo, il-Gappun) (rappreżentant: M. de Arpe Tejero, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Facetec Inc. (Las Vegas, Nevada, l-Istati Uniti)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark li tindika l-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-trade mark verbali ZOOM Nru 1 323 959

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Frar 2020 fil-Każ R 507/2019-1

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO u lill-intervenjenti għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' April 2020 – Frommer vs EUIPO – Minerva (I-cosmetics)**

**(Kawża T-205/20)**

(2020/C 201/60)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Angela Frommer (Unterschleißheim, il-Ġermanja) (rappreżentant: F. Remmertz, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Minerva GmbH (München, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea I-cosmetics – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 8 836 661

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta' Frar 2020 fil-Każ R 675/2019-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO u lill-parti l-oħra, fil-każ li tintervjeni fil-proċedimenti, għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti mir-rikorrenti fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.